

Brussell, 25 ta' Novembru 2015
(OR. en)

14414/15

RECH 282
COMPET 531
SOC 684

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13902/15 RECH 271 COMPET 503 SOC 650
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka - <i>Adozzjoni</i>

1. Il-Presidenza Lussemburgiża tqis l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala waħda mill-ogħla prioritajiet tagħha fil-qasam tar-R&I. F'dan il-kuntest, il-Presidenza pproponiet abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan is-suġġett, li ġew diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fit-12 u s-26 ta' Ottubru u fil-5 ta' Novembru 2015.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Novembru 2015, eżamina dan l-abbozz ta' konklużjonijiet, solva l-kwistjonijiet miftuħa pendent u qabel li jibgħat l-abbozz ta' konklużjonijiet lill-Kunsill (Kompetittività) tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2015 għall-adozzjoni tagħhom. Id-delegazzjoni PL għandha riżerva ġenerali ta' skrutinju dwar it-test, wara l-elezzjonijiet nazzjonali reċenti.

3. Il-Kunsill (Kompetittività), fis-sessjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2015, huwa għalhekk mitlub jadotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fit-test meħmuż.

* * *

Il-bidliet għat-test preċedenti (dok. 13902/15) huma indikati b'**tipa grassa sottolinjata** għall-addizzjonijiet.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-AVVANZ TAL-
UGWALJANZA BEJN IS-SESSI¹ FIŻ-ŻONA EWROPEA TAR-RIĊERKA²**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' April 2005 dwar ir-rinfurzar tar-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka³ (ŻER), li stiednu lill-Istati Membri biex jifformulaw miri għall-parteċipazzjoni tan-nisa b'mod partikolari billi jżidu b'mod sinifikanti n-numru ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, bl-għan li tintlaħaq inizzjalment il-mira ta' 25 % fis-settur pubbliku, kif ukoll tingħata spinta lill-parteċipazzjoni tagħhom fir-riċerka u t-teknoloġija industrijali;
- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Mejju 2008 dwar Karrieri Xjentifiċi Kompatibbli mal-Familja - lejn Mudell Integrat⁴, li stiednu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw mudell ta' karrieri xjentifiċi integrat abbażi ta' taħlita ta' politiki adatta li tiżgura ambjent kompatibbli mal-familja għar-riċerkaturi;
- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Mejju dwar diversi kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp taż-ŻER⁵, li rrikonoxxew li bidla istituzzjonali teħtieġ strateġija għal terminu twil u finanzjament suffiċjenti, enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi rinfurzata l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri fir-riċerka Ewropea;

¹ Għall-fini ta' dan id-dokument "ugwaljanza bejn is-sessi" tinkludi bilanċ bejn is-sessi fit-timijiet ta' riċerka fil-livelli kollha, bilanċ bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri fil-kontenut tar-R&I.

² PL: Riżerva ta' skrutinju ġenerali.

³ Dok. 8194/05.

⁴ Dok. 10212/08.

⁵ Dok. 10246/10.

- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012⁶, li jistabbilixxu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fir-riċerka bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka, u jikkunsidraw li l-integrazzjoni ta' dimensjoni tal-ġeneri fid-disinn, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tar-riċerka jeħtieġ jitjieb biex titrawwem b'mod effettiv l-eċċellenza tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I);
- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Frar 2014 dwar ir-rapport ta' progress mill-Kummissjoni dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) 2013⁷, li kkunsidraw li l-intensifikar tal-isforzi għall-integrazzjoni sistematika tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-dimensjoni tal-ġeneri fil-politiki u l-programmi tar-R&I għandu jittqies fl-iżvilupp tal-pjan direzzjonali taż-ŻER fil-livell Ewropew;
- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2014 dwar ir-Rapport ta' Progress tal-2014 dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka⁸, li jinnotaw il-persistenza tal-preġudizzju u d-diskriminazzjoni bbażati fuq il-ġeneru fil-karrieri, tal-iżbilanċ bejn is-sessi fi rwoli tat-teħid ta' deċiżjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' dimensjoni tal-ġeneri fil-biċċa l-kbira tal-programmi nazzjonali ta' riċerka, u jistiednu lill-Istati Membri jappoġġaw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs;
- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Mejju 2015 dwar il-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka li fihom approva t-traduzzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza f'azzjoni effettiva biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi bejn is-sessi fl-istituzzjonijiet ta' riċerka u l-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u l-integrazzjoni mtejba tad-dimensjoni tal-ġeneri f'politiki, programmi u proġetti tar-R&I bħala waħda mill-ogħla prijoritajiet ta' azzjoni identifikati fil-Pjan Direzzjonali taż-ŻER u appella lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jibdwu l-implimentazzjoni tiegħu permezz ta' azzjonijiet adatti fil-pjanijiet ta' azzjoni jew strateġiji tagħhom sa nofs l-2016;
- Fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar il-karrieri tan-nisa fix-xjenza u l-universitajiet, u limiti inviżibbli li jiltaqgħu magħhom⁹;

⁶ Dok. 17649/12.

⁷ Dok. 6945/14.

⁸ Dok. 16599/14.

⁹ Dok. 2014/2251(INI).

- Fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 intitolata "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015"¹⁰;
 - Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2015 rigward il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020¹¹;
1. JISSOTTOLINJA li l-inugwaljanzi bejn is-sessi ilhom jippersistu għal wisq żmien u li l-prosperità futura tal-Ewropa tiddependi mill-innovazzjoni xjentifika u teknoloġika. Il-provediment ta' forza tax-xogħol aktar diversa u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni aktar ugwali għan-nisa u għal irġiel fir-R&I ser jippermetti lill-Ewropa tisfrutta b'mod sħiħ il-ġabra tagħha ta' forza tax-xogħol u talent;
 2. JIRRIKONOXXI li l-ugwaljanza bejn is-sessi fix-xjenza ser tikkontribwixxi għad-diversità, l-eċċellenza u l-kwalità fl-eżiti u b'hekk ir-riċerka ssir aktar reattiva għall-isfidi soċjali u tas-soċjetà li huma responsabbiltà kondiviża bejn in-nisa u l-irġiel. L-użu tat-talenti kollha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel mhumix biss kwistjoni ta' ekwità, iżda wkoll kwistjoni ta' effiċjenza ekonomika. It-tħaddin tal-ugwaljanza bejn is-sessi ser jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-UE u għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi;

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PJAN DIREZZJONALI TAŻ-ŻER

3. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu li jsaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka. JIRRIKONOXXI li l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali taż-ŻER u l-prijorità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi joffru opportunità eċċellenti biex il-leġislazzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza tiġi tradotta f'azzjoni effettiva biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi bejn is-sessi fl-istituzzjonijiet ta' riċerka u l-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u d-dimensjoni tal-ġeneri tiġi integrata aħjar fil-politiki, il-programmi u l-proġetti tar-R&I. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jistabbilixxu miri ambizzjużi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u jieħdu azzjonijiet adatti u konkreti fil-pjanijiet ta' azzjoni jew l-istrateġiji tagħhom biex jiġi implimentat il-Pjan Direzzjonali taż-ŻER sa nofs l-2016;

¹⁰ Dok. COM(2010)0491.

¹¹ Dok. 13201/15.

BIDLIET KULTURALI U ISTITUZZJNALI SOSTENIBBLI

4. JIRRIKONOXI l-ħtieġa li jitrawmu bidliet kulturali u istituzzjonali sostenibbli fil-pjanijiet ta' azzjoni jew l-istrategġi nazzjonali taż-ŻER biex jiġi implimentat il-Pjan Direzzjonali taż-ŻER għall-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-inklużjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri fil-kontenuti u l-programmi tar-R&I; u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jagħmlu l-bidla istituzzjonali element ewlieni tal-qafas ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-R&I; JENFASIZZA r-rwol li s-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-R&I jistgħu jkollhom fil-livell istituzzjonali;
5. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka biex jipprovdu inċentivi biex jinkoraġġixxu l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, inklużi l-universitajiet, biex jirrevedu jew jiżviluppaw strategġi għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, pjanijiet għall-ugwaljanza bejn is-sessi inklużi d-dimensjoni tal-ġeneri fil-kontenut u l-programmi tar-R&I u jimmobilizzaw riżorsi adegwati biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħhom;
6. JINNOTA li madwar 20 % biss tal-professuri tal-ogħla grad fl-Ewropa huma nisa u li l-bidliet lejn livell aktar ugwali qegħdin jipprogressaw bil-mod hafna¹², u għalhekk JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet biex jagħmlu ħilithom biex jiksbu miri ta' gwida għal bilanċ bejn is-sessi aktar ibbilanċjat għall-professuri;
7. JIKKUNSIDRA li t-trasparenza trid tapplika għar-reklutaġġ u l-progressjoni tal-karriera fil-livelli kollha kif ukoll fi proċeduri ta' fellowship u għoti ta' boroż ta' studju fir-R&I; JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet għall-finanzjament tar-riċerka biex javvanzaw miżuri biex jiġi żgurat li l-allokazzjoni tal-finanzjament għar-riċerka ma tkunx affettwata minn preġudizzju u d-diskriminazzjoni bbażati fuq il-ġeneru;
8. JISTIEDEN lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka, inklużi l-universitajiet, biex jappoġġaw kondizzjonijiet u arranġamenti ta' xogħol flessibbli u favorevoli għall-familja kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel fir-R&I, inkluż biex jappoġġaw il-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura, u biex jirrevedu l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tar-riċerkaturi sabiex jiġu eliminati l-preġudizzju u d-diskriminazzjoni bbażati fuq il-ġeneru;

¹² She Figures 2012. Is-Sessi fir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

9. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri flimkien mal-Kummissjoni biex javvanzaw sensibilizzazzjoni adatta dwar id-dimensjoni tal-ugwaljanza tas-sessi u għodod ta' bini ta' kapaċità sabiex tinkiseb bidla istituzzjonali, filwaqt li titqies il-ħidma tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi;
10. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tkompli ssaħħaħ l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-oġġettivi kollha tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'Orizzont 2020 marbutin mar-rappreżentazzjoni tal-ġeneru f'timijiet ta' riċerka, it-teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll id-dimensjoni tal-ġeneri fil-kontenut tar-riċerka, fl-istadji kollha possibbli taċ-ċiklu ta' riċerka; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li jiġu pprovduti data disaggregata skont il-ġeneru u indikaturi tal-ġeneru aktar komprensivi u trasparenti u dwar il-parteciġipazzjoni tal-evalwaturi u r-riċerkaturi kif ukoll tal-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru bħala soġġett tar-riċerka fi proġetti u programmi ffinanzjati minn Orizzont 2020;
11. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-inklużjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bħala parti regolari ta' avvenimenti u taħriġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (PKN) kif ukoll f'materjali ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni relatati mal-Orizzont 2020;
12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw li jinkludu, fost affarijiet oħra, perspettiva tal-ġeneru fi djalogi ma' pajjiżi terzi fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni (STI). JISTIEDEN lill-SFIC u l-Grupp ta' Helsinki biex jikkunsidraw jiżviluppaw linji gwida konġunti dwar perspettiva tal-ġeneru għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni (STI);

BILANĊ BEJN IS-SESSI F'POŻIZZJONIJIET TA' TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET

13. JINNOTA li n-nisa jkomplu jkunu sottorappreżentati f'pożizzjonijiet akkadeimiċi għolja ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kemm bħala membri ta' bords xjentifiċi u amministrattivi kif ukoll bħala kapijiet ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja¹³;

¹³ Data preliminari għall-pubblikazzjoni 'She Figures 2015' li jmiss.

14. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' sforz għall-bilanċ bejn is-sessi f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' miżuri adatti. JISTIENEN lill-awtoritajiet rilevanti biex jistabbilixxu miri ta' gwida, **pereżempju objettivi kwantitattivi**, għal bilanċ bejn is-sessi mtejjeb f'korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, inklużi bords xjentifiċi u amministrattivi ewlenin, kumitati ta' reklutaġġ u promozzjoni kif ukoll bordijiet ta' evalwazzjoni u JINKORAĠĠIXXI organizzazzjonijiet għall-finanzjament u l-prestazzjoni tar-riċerka biex jilħqu dawn il-miri sal-2020;
15. JISTIENEN lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Helsinki, tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri għall-indirizzar ta' sfidi ta' politika marbuta mal-bilanċ bejn is-sessi, inkluż l-iżvilupp ta' gwida biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miri ta' gwida;

GĦARFIEN U MONITORAĠĠ TAS-SESSI

16. JISTIENEN lill-Istati Membri biex f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni jagħmlu użu sħiħ tal-eżerċizzji ta' taġlim reċiproku, inkluż fi ħdan il-qafas tal-ERAC, u l-iskambju ta' Prattiki tajba fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-R&I; b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet mill-[Grupp ta' Helsinki], u l-eżiti tal-proġetti dwar dan is-suġġett ffinanzjati mill-programmi qafas tal-UE, bħall-GENDER-NET ERA-Net;
17. JISTIENEN lill-Istati Membri biex jiżguraw għir regolari ta' data disaggregata skont il-ġeneru għal She Figures u fejn possibbli t-tnejn ta' indikaturi tal-ġeneru fil-qasam tar-R&I u jiżguraw id-diffużjoni pubblika;
18. JISTIENEN lill-Istati Membri biex f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni jissorveljaw, b'indikaturi adatti, l-implimentazzjoni ta' politiki, objettivi, miri ta' gwida u azzjonijiet dwar il-ġeneru fil-livell istituzzjonali, nazzjonali u dak tal-UE u JIRRIKONNOXXI li l-valutazzjoni tal-eżiti u l-impatti tal-miżuri implimentati hija kruċjali għat-titjib.